## PERIKLI TA' MIN HU TAJJEB

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb ta' Bin Sirak**
**Sir 35, 12-14, 16-18**

Il-Mulej hu Alla tas-sewwa,
ma jħares lejn wiċċ ħadd;
ma jdawwarx wiċċu minn fuq il-fqir,
u jisma' t-tħannin tal-magħkus;
anqas ma jistmerr il-karba ta' l-iltim
jew il-karba ta' l-armla li tinfexx tibki.
L-imrar tal-magħkus ikun mismugħ,
u l-krib tal-fqir jilħaq is-sħab.
L-għajjat tal-fqir jinfed is-sħab,
u ma jiqafx qabel ma jġib li jrid,
ma jiddawwarx qabel ma jżuru Alla,
qabel ma jagħmel ħaqq miegħu l-imħallef ġust.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 33**
**Il-fqajjar sejjaħ il-Mulej, u semgħu.**

Kull ħin inbierek il-Mulej,
Tifħiru dejjem f'fommi.
Bil-Mulej tiftaħar ruħi,
Jisimgħu l-fqarin u jifirħu!

**R/. Il-fqajjar sejjaħ il-Mulej u semgħu.**

Il-ħarsa tal-Mulej kontra l-ħżiena,
Biex iħassar minn fuq l-art tifkirithom.
Igħajtu l-ġusti għall-għajnuna, u l-Mulej jismagħhom,
U mid-dwejjaq kollha tagħhom jeħlishom.

**R/. Il-fqajjar sejjaħ il-Mulej, u semgħu.**

Qrib il-Mulej lejn dawk li qalbhom maqsuma,
Isalva lil ta' ruħhom mgħaffġa.
Jifdi l-Mulej il-ħajja tal-qaddejja tiegħu;
Kull min jistkenn fih ma jkollux ħtija xi jħallas.

**R/. Il-fqajjar sejjaħ il-Mulej, u semgħu.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mit-Tieni Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Timotju.**
**2 Tim 4, 6-8, 16-18**

Għażiż: Jiena ġa mxerred b'sagrifiċċju, u żmien it-tluq tiegħi wasal. Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja, ħarist il-fidi. Mill-bqija hemm merfugħa għalija l-kuruna tal-ġustizzja, li biha f'dak il-Jum iħallasni l-Mulej, l-Imħallef ġust, u mhux lili biss, imma wkoll lil dawk kollha li jkunu għexu bix-xewqa tad-Dehra tiegħu.
Fl-ewwel difiża tiegħi ħadd ma kien miegħi; kulħadd ħallieni. Jalla ma jkunx magħdud kontriehom! Imma l-Mulej waqaf miegħi u tani l-qawwa biex, bis-saħħa tiegħi, il-kelma tiġi mxandra sa l-aħħar u l-ġnus kollha jisimgħuha. Hekk jien ġejt meħlus minn ħalq l-iljun. Il-Mulej jeħlisni minn kull deni u jħarisni sa ma nasal fis-saltna tiegħu tas-sema. Glorja lilu għal dejjem ta' dejjem. Amen.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah.**
Jien lill-Mulej nistenna,
ruħi f'kelmtu tittama.
**Hallelujah.**

**✠L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq18, 9-14**

F'dak iż-żmien: Kien hemm xi wħud li waħħlu f'rashom li huma nies ġusti u kienu jmaqdru lill-oħrajn. Ġesu' qalilhom din il-parabbola:
"Żewġt irġiel, wieħed Fariżew u l-ieħor publikan, telgħu fit-Tempju biex jitolbu. Il-Fariżew, wieqaf, talab hekk f'qalbu, 'O Alla, niżżik ħajr li miniex bħall-bqija tal-bnedmin, ħalliela, inġusti, żienja, jew ukoll bħal dan il-publikan. Jiena nsum darbtejn fil-ġimgħa, inħallas l-għexur ta' kull ma ndaħħal.' Il-Publikan, iżda, wieqaf fil-bogħod, anqas biss ried jerfa' għajnejh lejn is-sema imma beda jħabbat fuq sidru u jgħid, 'O Alla, ħenn għalija l-midneb.'
Ngħidilkom li aktar dan, u mhux l-ieħor, niżel id-dar iġġustifikat. Għax kull min jitkabbar, jiċċekken; imma min jiċċekken jitkabbar.''

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**